

Brussell, 16 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16901/24

DEVGEN 206
RELEX 1604
ALIM 19
COHAFA 87
ACP 134
COAFR 442
COEST 743
SUSTDEV 131
GLOBAL GATEWAY 42
FAO 50

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Diċembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15264/24	
Suġġett:	Tisħiħ tal-appoġġ ta' Tim Ewropa għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Diċembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-appoġġ ta' Tim Ewropa għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali, kif adottati mill-Kunsill fl-4070 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-appoġġ ta' Tim Ewropa għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali

Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-rispons ta' Tim Ewropa fl-2022 ibbażat fuq is-solidarjetà, il-produzzjoni sostenibbli, ir-reżiljenza u t-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel, il-kummerċ iffaċilitat u l-multilateraliżmu effettiv. Fid-dawl tal-insigurtà tal-ikel li qed tiżdied madwar id-dinja, il-Kunsill jafferma l-ħtieġa li nibqgħu impenjati li nappoġġaw is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali u li nsaħħu u nżidu l-progress fl-erba' pilastri ta' azzjoni.

KUNTEST ĠEOPOLITIKU

1. Il-Kunsill jibqa' mħasseb ħafna dwar il-livelli bla preċedent tal-insigurtà tal-ikel li għandhom impatt globali fuq il-popolazzjonijiet vulnerabbli. Ir-rapporti "Global Report on Food Crises" u "State of Food Security and Nutrition in the World" (SOFI) jidentifikaw il-kawżi ewlenin tal-insigurtà (il-faqar u l-inugwaljanzi), aggravati mill-konflitti, bħala wieħed mill-muturi primarji tal-insigurtà tal-ikel. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-insigurtà akuta tal-ikel, minbarra l-konflitti armati, spiss tiġi kkawżata mill-interazzjoni bejn ix-xokkijiet ekonomiċi u l-faqar sottostanti, id-dgħufijiet strutturali u aspetti oħra ta' vulnerabbiltà flimkien mat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u l-estremitàjiet tat-temp.
2. Is-sigurtà globali tal-ikel saret dejjem aktar ġeopolitika u l-ikel qed jintuża bħala arma. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli, u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali, l-irfiġh tar-responsabbiltà għall-ksur, u l-implimentazzjoni sistematika tar-Risoluzzjoni 2417 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li tikkundanna l-użu tal-ġuħ katastrofiku bħala metodu ta' gwerra. Il-Kunsill ifakkar li l-użu intenzjonat tal-ġuħ katastrofiku ta' persuni ċivili u ċ-ċaħda illegali ta' aċċess umanitarju u ċ-ċaħda ta' riżorsi essenzjali lill-persuni ċivili bħala metodu ta' gwerra jikkostitwixxu delitt tal-gwerra skont l-Istatut ta' Ruma tal-QKI.

3. Il-Kunsill jikkundanna l-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikabbli, mhux provokata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż l-użu tal-ikel bħala arma mir-Russja, il-qerda intenzjonata tal-infrastruttura agrikola Ukrena kif ukoll tal-portijiet taċ-ċereali, il-faċilitajiet tal-ħżin u tal-esportazzjoni, l-attakki fuq bastimenti kummerċjali li jgħorru ċereali Ukreni u l-użu massiv ta' mini tal-art u fdalijiet splussivi oħra tal-gwerra. Dan jaffettwa b'mod negattiv il-produzzjoni u l-provvista tal-ikel, u għandu konsegwenzi drammatiċi għall-popolazzjonijiet vulnerabbli globalment, b'mod partikolari l-volatilità tal-prezzijiet u t-tfixkil serju fil-produzzjoni u l-provvisti tal-ikel. Il-Kunsill jagħraf li dawk li ntlaw l-agħar huma l-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-aktar fraġli, pajjiżi li jiddependu ħafna fuq il-provvisti u l-importazzjonijiet tal-ikel, b'mod partikolari dawk milquta mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, kif ukoll il-pajjiżi l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima.
4. Il-Kunsill ifaħħar l-impenn tal-Ukrajna għas-sigurtà globali tal-ikel, inkluż l-isforzi biex tiżgura li l-komoditajiet tal-ikel ikunu jistgħu jilhqgħu s-suq globali u l-programm "Grain from Ukraine". Il-Kunsill ifakkar fid-dimensjoni tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tal-Komunikat Konġunt adottat fis-Summit dwar il-Paċi fl-Ukrajna f'Ġunju 2024 u jfaħħar l-impenji ulterjuri dwar is-sigurtà tal-ikel biex iċ-ċereali u l-prodotti agrikoli tagħha jibqgħu għaddejjin lejn is-suq globali. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza mir-Russja, inkluż l-isforzi ta' diżinformazzjoni u destabbilizzazzjoni li jfikklu l-isforzi dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa urġenti li jitneħħew il-mini mill-art agrikola tal-Ukrajna u li jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-sistemi agrikoli u tal-ikel tal-Ukrajna b'appoġġ għal ikel affordabbli u aċċessibbli għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli tad-dinja.
5. Kif enfasizzat fl-aħħar Klassifikazzjoni Integrata tal-Fażi tas-Sigurtà tal-Ikel (IPC), reġjuni speċifiċi jiffaċċaw kriżijiet tal-ikel severi fejn porzjonijiet sinifikanti tal-popolazzjonijiet tagħhom qed jesperjenzaw livelli għoljin ta' insigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni akuti u qegħdin friskju ta' karestija.
6. L-eskalazzjoni tal-konflitt u tal-ostilitajiet f'Gaza mis-7 ta' Ottubru 2023 'l hawn irriżultat fi kriżi umanitarja ta' proporzjonijiet kbar, b'livelli katastrofiċi ta' insigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni akuti, kif dokumentat fir-rapport tal-IPC. Il-Kunsill jappella għal waqfien mill-ġlied immedjat, il-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha, kif ukoll għal aċċess sħiħ, rapidu, sikur u mingħajr xkiel għal għajjnuna umanitarja fuq skala kbira għall-Palestinjani fil-bżonn. F'dan ir-rigward, nisħqu fuq ir-rwol essenzjali tan-NU u l-aġenziji tagħha, b'mod partikolari l-UNRWA li tipprovdi appoġġ kruċjali lill-popolazzjoni ċivili, kemm f'Gaza kif ukoll fir-reġjun usa'.

7. Il-konflitt fis-Sudan wassal għal waħda mill-kriżijiet l-aktar severi tal-ġuħ, b'partijiet tal-pajjiż jesperjenzaw il-karestija (il-Fażi 5 tal-IPC), kif ikkonfermat fl-aħħar rapport tal-IPC. Madwar 6 miljun persuna jinsabu f'livelli ta' emerġenza ta' insigurtà tal-ikel (Fażi 4 tal-IPC), b'livelli akuti ta' malnutrizzjoni estremament għoljin. Il-Kunsill jappella għal waqfien mill-ġlied immedjat u jenfasizza li l-assistenza alimentari u l-operazzjonijiet umanitarji li jsalvaw il-ħajjiet għandhom jitwettqu mingħajr dewmien u mingħajr impedimenti burokratiċi u amministrattivi, biex tiġi evitata eskalazzjoni ulterjuri tal-karestija u t-telf ta' għadd kbir ta' ħajjiet.
8. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa kritika li jissaħħa l-approċċ tar-Rabta bejn l-aspett Umanitarju, l-Iżvilupp u l-Paċi (HDP) fil-prevenzjoni u r-rispons għall-insigurtà tal-ikel, li huwa essenzjali biex jitkisser iċ-ċiklu tal-kriżijiet tal-ikel u tan-nutrizzjoni, b'mod partikolari f'kuntesti fraġli u affettwati minn konflitti. Dan l-approċċ għandu jiżgura mekkaniżmi ta' assistenza effiċjenti matul żminijiet ta' bżonn, kif ukoll jikkontribwixxi għall-bini tas-sigurtà tal-ikel fit-tul, iżomm u jibni r-reżiljenza u l-funzjonalità tas-sistemi tal-ikel sostenibbli, jippermetti lill-popolazzjonijiet lokali jiżguraw l-għajxien, isahha il-komunitajiet paċifiċi u inklużivi, u jadatta s-sistemi agrikoli u tal-ikel għat-tibdil fil-klima.
9. Il-Kunsill huwa impenjat li jiżgura koerenza politika u rabta xierqa bejn il-politiki interni u esterni tal-UE dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella għat-tisħiħ tal-involvement mas-sħab, bil-ħsieb li ssir kollaborazzjoni dwar tranżizzjoni lejn sistemi sostenibbli tal-ikel f'konformità mas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel u l-Perkorsi Nazzjonali, u biex jiġi indirizzat it-ħassib ta' dawk is-sħab affettwati mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

SOLIDARJETA

10. Filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju¹, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jibqa' involut b'mod attiv fl-intensifikazzjoni tal-isforzi biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju. F'kuntesti kkaratterizzati minn insigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni, tali sforzi ser jikkontribwixxu biex tiġi żgurata assistenza alimentari li ssalva l-ħajjiet f'konformità mal-prinċipji umanitarji u biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, reżiljenti u inklużivi, f'konformità mar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi. Il-Kunsill jirriafferma l-impenn kollettiv tal-UE li tipprovi tal-inqas 0.7 % tal-ING kollettiv bħala għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) sal-2030, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tagħha jkomplu bl-isforzi tagħhom biex inaqqsu d-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju.

¹ 9598/23

11. L-aċċess umanitarju għall-persuni fil-bżonn jibqa' kruċjali biex tiżdied is-sigurtà globali tal-ikel u jiġi eliminat il-ġuħ. Il-Kunsill jirriafferma li l-partijiet kollha f'konflitti armati għandhom obbligu skont id-dritt umanitarju internazzjonali li jippermettu u jiffaċilitaw passaġġ sikur, rapidu, mingħajr kundizzjonijiet u mingħajr xkiel ta' għajjuna umanitarja u assistenza alimentari ta' emerġenza għal persuni ċivili fil-bżonn, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' insigurtà tal-ikel akuta. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-popolazzjoni u l-infrastruttura ċivili huwa fil-qalba tal-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ġuħ.
12. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isforzi straordinarji tal-ħaddiema umanitarji u jilqa' l-appoġġ ta' emerġenza provdut mill-aġenziji tan-NU, minn NGOs internazzjonali u lokali, mill-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar u minn sħab oħra b'rispons għall-konflitti, il-vjolenza politika, id-diżastri naturali u x-xokkijiet klimatiċi, u jappellalhom biex ikomplu jipprovdu appoġġ u jfittxu sinerġiji li jħallu impatt fuq il-post.
13. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu malajr l-effiċjenza u l-effettività tal-assistenza umanitarja, inkluż permezz ta' approċċi innovattivi bħal azzjoni antiċipatorja. Dan għandu jiġi implimentat billi jittejbu l-prattiki tal-immirar, il-valutazzjoni tal-kawżi fundamentali, il-kapaċitajiet ta' rispons u s-soluzzjonijiet immirati inkluż it-trasferimenti ta' flus kontanti bħala l-modalità preferuta għall-assistenza alimentari minħabba, fost oħrajn, il-kosteffiċjenza tagħhom. Fejn xieraq, l-assistenza fi flus kontanti għandha tkun marbuta wkoll ma' sistema ta' protezzjoni soċjali rilevanti appoġġata minn atturi tal-iżvilupp. Fejn possibbli, l-atturi tal-iżvilupp għandhom jikkomplementaw l-azzjoni umanitarja b'inizjattivi ta' żvilupp fit-tul, inkluż miżuri ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet biex tissaħħaħ ir-reżiljenza. It-tnejn għad-diżastri, l-azzjonijiet antiċipatorji u t-twissijiet bikrija, kif ukoll il-bini tar-reżiljenza huma kruċjali għall-protezzjoni tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tal-komunitajiet u biex jiġu salvati l-ħajjiet u l-għajxien.
14. Il-Kunsill ifakkar li l-programmi ta' protezzjoni soċjali, speċjalment ix-xbieki ta' sikurezza soċjali li jipprovdu assistenza fi flus kontanti bi skopijiet multipli, il-programmi ta' ikliet fl-iskejjel u l-protezzjoni soċjali li tqis in-nutrizzjoni huma għodod vitali biex tiżdied ir-reżiljenza tal-popolazzjonijiet affettwati u biex jittaffa l-impatt negattiv tax-xokkijiet, inkluż il-perjodi ta' insigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni. Il-Kunsill jişhaq fuq il-ħtieġa li r-rispons umanitarju fi flus kontanti jkun marbut, fejn possibbli u adatt, mas-sistemi ta' protezzjoni soċjali eżistenti għal impatt aktar fit-tul u li jiġi estiż l-appoġġ għal skemi bħal dawn, inkluż il-promozzjoni ta' programmi ta' protezzjoni soċjali reattivi għax-xokkijiet filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati s-sjieda nazzjonali u strateġiji ċari ta' ħruġ u trasferiment.

15. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu adattati l-mekkaniżmi ta' finanzjament eżistenti, bħal għotjiet, garanziji, self konċessjonali, kofinanzjament u finanzjament imħallat u assigurazzjoni, u jinkoraġġixxi l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi u kapital privat sabiex jiġu appoġġati aħjar l-inizjattivi dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni f'pajjiżi b'introjtu baxx, kuntesti fraġli u kriżijiet umanitarji mtawla, kif ukoll biex jiġi żgurat aċċess aħjar għall-finanzjament fil-livell lokali u għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u emarġinati.
16. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni għandhom impatt sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet, billi jipperpetwaw ċiklu ta' malnutrizzjoni, jaggravaw l-eżiti negattivi tas-saħħa u jżidu r-riskji ta' vjolenza sesswali relatata mal-konflitt. Il-Kunsill jirriafferma l-impenn tiegħu għall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet bħala prijorità fl-oqsma kollha ta' azzjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza d-dimensjonijiet tal-ġeneru tal-insigurtà tal-ikel permezz ta' approċċi trasformattivi li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri b'attenzjoni speċifika għall-indirizzar tad-diskriminazzjoni intersezzjonali. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tal-linji gwida volontarji tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tiżiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa u l-Bniet filwaqt li jibqa' impenjat għall-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp. Il-Kunsill jappella wkoll għal titjib fl-analiżi, il-fehim u r-rispons għall-impatti differenzjati skont il-ġeneru tal-insigurtà tal-ikel li għalihom huwa kruċjali li tiġi pprovduta data diżaggregata skont is-sess, l-età u d-diżabbiltà.
17. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jikkontribwixxu għal inizjattivi internazzjonali li għandhom l-għan li jassistu lis-sħab globali fl-istabbiltà makroekonomika u, fejn meħtieġ, fid-dejn, il-ġestjoni u r-ristrutturar, kif ukoll l-isforzi biex titrażżan l-inflazzjoni domestika tal-prezzijiet tal-ikel. Dan jinkludi l-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni għat-Trattament tad-Dejn tal-G20/Klabb ta' Pariġi, lil hinn mill-Inizjattiva dwar is-Sospensjoni tas-Servizz tad-Dejn. L-UE ser tikkollabora ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, bħall-FMI u l-Grupp tal-Bank Dinji. Il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari l-Programm ta' Sfidi Globali tal-Grupp tal-Bank Dinji dwar is-Sigurtà tal-Ikel u n-Nutrizzjoni u jappella għal 21 rikostituzzjoni ambizzjuża tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp li tkun ta' benefiċċju wkoll għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni.

PRODUZZJONI

18. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa għal trasformazzjoni sostenibbli tas-sistemi agrikoli u tal-ikel inkluż is-sistemi ta' żrieragħ aċċessibbli u reżiljenti b'kont meħud tas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ekoloġika, biex tinkiseb is-sigurtà tal-ikel. Din it-trasformazzjoni għandha tkompli tindirizza problemi strutturali bħat-tnaqqis tar-riżorsi naturali, iż-żieda tal-pressjoni fuq l-art, l-oċeani u l-ilmijiet interni, it-telf tal-bijodiversità, l-iskarsezza tal-ilma, iż-żieda fid-degradazzjoni tal-ħamrija, it-telf u l-ħela tal-ikel u l-fraġilità u l-inugwaljanzi li qed jikbru. L-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari n-nixfiet fit-tul u x-xita u l-għargħar distruttivi, jaggravaw dawn il-kwistjonijiet u jaffettwaw ir-reżiljenza tal-komunitajiet, jisfurzaw l-ispostament u jżidu l-konflitt u l-inkwiet soċjali. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol tas-sistemi agrikoli u tal-ikel fil-kuntest tat-tibdil fil-klima u għaldaqstant jappella għall-promozzjoni ta' prattiki agrikoli reżiljenti għall-klima, inkluż permezz ta' finanzjament għall-klima.
19. Il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-bdiewa b'azjenda agrikola tal-familja u l-bdiewa ta' sussistenza, il-produtturi tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll l-intrapriżi agrikoli mikro, żgħar u ta' daqs medju huma kritiċi għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni lokali, reġjonali u globali. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-urġenza għal tranżizzjoni ġusta lejn sistemi globali agrikoli u tal-ikel, sostenibbli, inklużivi u reżiljenti u jfakkar fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Perkorsi Nazzjonali tas-Summit tal-2021 tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel. Il-Kunsill jimpenja ruħu li jiżviluppa u jappoġġa strateġiji u azzjonijiet multisettorjali u b'diversi partijiet ikkonċernati għall-ħolqien jew it-tisħiħ ta' ktajjen tal-valur agrikoli sostenibbli, reżiljenti u lokali li jappoġġaw lill-pajjiżi biex inaqqsu l-impatt tal-fluttwazzjonijiet ekonomiċi globali fuq l-importazzjonijiet tagħhom ta' inputs kritiċi, appoġġati minn biedja organika u proċessar organiku tal-ikel kif ukoll prattiki agroekoloġiċi u approċċi innovattivi oħra.
20. Filwaqt li jfakkar fid-diskussjonijiet produttivi dwar l-agrikoltura u l-iżvilupp sostenibbli fis-sitt Summit UE-UA ta' Frar 2022, u l-konsultazzjonijiet reċenti dwar il-Qafas tal-Programm Komprensiv għall-Iżvilupp Agrikolu Afrikan ta' wara Malabo (CAADP) li għandu jiġi ffinalizzat fil-bidu tal-2025 f'Kampala, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal fokus partikolari fuq is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni fl-Afrika. Il-Kunsill jappoġġa lill-Unjoni Afrikana biex tmexxi 'l quddiem il-qafas "Kampala".

21. Il-Kunsill jappella għal aktar investimenti tal-Global Gateway fi ħdan approċċ ta' Tim Ewropa, li jimmiraw lejn ktajjen tal-valur ewlenin (inkluż it-trasport u l-ħżin f'pajjiżi sħab) u kurituri strateġiċi, li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni u t-tranżizzjoni ta' pajjiżi vulnerabbli lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, reżiljenti u nutrittivi. Dawn l-investimenti jaqdu l-għan li jintlaħqu l-SDG 2 u għanijiet oħra tal-Aġenda 2030, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Għandhom isegwu approċċ ta' 360 grad li jindirizza l-faqar u l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u jippromwovi l-involviment pubbliku u tas-soċjetà ċivili kif ukoll is-settur privat u jqis il-prinċipji ewlenin tas-sostenibbiltà, l-iskalabbiltà, l-inklużività, u s-sħubijiet. Barra minn hekk, il-Kunsill jappoġġa approċċ olistiku għas-sistemi agrikoli u tal-ikel, bl-għan li tiżdied il-produzzjoni lokali għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u r-reżiljenza għax-xokkijiet.

KUMMERĊ

22. Il-Kunsill jenfasizza li sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, nondiskriminatorja u ekwa tista' tistimula b'mod sostanzjali l-iżvilupp madwar id-dinja u tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Fil-perspettiva ta' kummerċ globali ta' prodotti agrikoli li jiffunzjona tajjeb, il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' sħubijiet ugwali li jqisu l-interessi u l-prioritajiet kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi sħab.
23. Il-Kunsill jenfasizza li huwa importanti li jinżammu rotot kummerċjali miftuħa u jiddeplora kwalunkwe tfixkil li jkollu impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali. Il-Kunsill jissottolinja l-impenn tal-UE li tappoġġa l-kummerċ globali tal-ikel u tal-prodotti agrikoli permezz ta' diversi miżuri ta' appoġġ għall-kummerċ fejn meħtieġ.
24. L-UE għandha tkompli tinvesti fil-konnettività reġjonali biex tappoġġa s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni lokali u globali permezz tal-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli u inputs essenzjali. Il-Kunsill jissottolinja li l-UE ser tkompli tinvesti fil-Korsiji ta' Solidarjetà, minħabba t-theddid persistenti mir-Russja għas-sigurtà u l-istabbiltà fil-Baħar l-Iswed, inkluż il-libertà tan-navigazzjoni u biex tissaħħaħ il-konnettività bejn l-Ukrajna, l-UE, u s-swieq globali. Il-Kunsill jiddeplora wkoll it-terminazzjoni unilaterali tal-"Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali" mir-Russja fis-17 ta' Lulju 2023. L-UE għandha wkoll tkompli tappoġġa l-proċessi ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali f'partijiet oħra tad-dinja inkluż it-tnedija tal-Ftehim ta' taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali tal-Afrika li għalih il-kurituri strateġiċi tat-trasport huma importanti.

25. Il-Kunsill jirriaferma l-pożizzjoni tiegħu kontra restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-esportazzjoni u jimpenja ruħu li jsaħħaħ it-trasparenza u l-koordinazzjoni tas-suq globali permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS). Il-Kunsill jisħaq fuq l-impenn tiegħu li jippreserva l-fluss globali tal-prodotti agrikoli u tal-ikel. Il-Kunsill ifakkar li l-UE kellha rwol vitali fis-sostenn tal-ekonomija u s-settur agrikolu tal-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment tal-Korsiji ta' Solidarjetà u s-sospensjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni u l-kwoti fuq l-esportazzjonijiet tal-Ukrajna u l-Moldova lejn l-Unjoni Ewropea (Miżuri Kummerċjali Awtonomi). Dawn il-miżuri ta' appoġġ għall-kummerċ ippermettew lill-Ukrajna tkompli tesporta l-prodotti agrikoli tagħha. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll li l-kapaċità tal-Ukrajna li tiggarantixxi l-kuritur marittimu Ukren taċ-ċereali fil-Baħar l-Iswed iffaċilitat ir-ritorn tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi u pajjiżi li qed ibatu l-ġuħ.

MULTILATERALIŻMU

26. Il-Kunsill jenfasizza li għandhom isiru sforzi sinifikanti biex nerġġu lura għat-triq lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, l-UE ser tibqa' attur globali reattiv, responsabbli u affidabbli. L-UE tappoġġa l-isforz kollettiv tal-komunità internazzjonali biex sal-2030 ma jkun hemm l-ebda ġuħ; hemm bżonn soluzzjonijiet u investimenti ġodda fit-tul f'sistemi tal-ikel reżiljenti. Il-Kunsill jilqa' wkoll id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-ikel tal-Patt għall-Futur. It-tmim tal-ġuħ u l-eliminazzjoni tal-insigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni kif ukoll it-tisħiħ tal-ambizzjonijiet biex tiġi indirizzata l-kriżi klimatika huma azzjonijiet ewlenin fil-Patt. F'dan is-sens, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi mobilizzat finanzjament sostenibbli mis-sorsi kollha, inkluż minn donaturi mhux tradizzjonali u mis-settur privat, li ser jiġi indirizzat fir-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp li għandha ssir f'Sevilja, Spanja, bejn it-30 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju 2025.

27. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu għal multilateraliżmu effettiv u jisħaq fuq l-urġenza li titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha, b'mod partikolari l-SDG 2 dwar Ebda Ġuħ, filwaqt li jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex isaħħu l-involviment tagħhom mas-sħab multilaterali u l-pajjiżi sħab ewlenin fil-kuntest multilaterali: l-organizzazzjonijiet rilevanti tan-NU, b'mod partikolari l-aġenziji bbażati f'Ruma u l-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS), mal-OSAKP, il-G7, il-G20 u d-WTO, kif ukoll ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali kemm fil-livell tal-kwartieri ġenerali kif ukoll fil-livell ta' pajjiż. Il-Kunsill jappella għal inizjattivi globali simplifikati u koordinati aħjar dwar is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni sabiex jissaħħaħ il-multilateraliżmu effettiv biex jiġu indirizzati l-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni. Huwa jhegġegħ il-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji fost il-FAO, id-WFP, l-IFAD, u aġenziji oħra tan-NU, kif ukoll is-CFS biex jissaħħu s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u sistemi tal-ikel sostenibbli u jirrikonoxxi r-rwol tal-moviment għat-tisħiħ tan-nutrizzjoni "Scaling Up Nutrition" (SUN).
28. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabbir (N4G) li ser isir f'Marzu 2025 f'Pariġi li jqiegħed in-nutrizzjoni fiċ-ċentru tal-aġenda tal-iżvilupp sostenibbli u t-tmexxija politika u finanzjarja tal-UE fl-isforzi dwar in-nutrizzjoni. Il-Kunsill jappoġġa l-implimentazzjoni f'waqtha ta' inizjattivi ewlenin bħas-segwitu għas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel u l-mument ta' rendikont tiegħu, l-Alleanza Globali dwar is-Sigurtà tal-Ikel, l-"Inizjattiva tal-Puglia tal-G7 dwar is-Sistemi tal-Ikel" (AFSI), u d-Dikjarazzjoni tal-COP28 dwar "Agrikoltura Sostenibbli, Sistemi tal-Ikel Reżiljenti u Azzjoni Klimatika" u l-Programm ta' Ħidma Konġunt li għaddej ta' Sharm El Sheikh dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni klimatika fl-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, kif ukoll il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Konvenzjoni għall-ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, u l-Konvenzjoni Qafas dwar it-Tibdil fil-Klima.
29. Il-Kunsill jilqa' t-tnedija tal-Alleanza Globali Kontra l-Ġuħ u l-Faqar (GAHP) fil-G20 u jilqa' l-potenzjal tagħha li tikkomplementa l-istrutturi globali eżistenti għall-avvanz tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, inkluż in-Network Globali Kontra l-Kriżijiet tal-Ikel flimkien mal-pubblikazzjoni tiegħu tar-Rapport Globali dwar il-Kriżijiet tal-Ikel, filwaqt li jippromwovi l-iżvilupp tiegħu f-network komprensiv li jindirizza l-insigurtà tal-ikel.

IL-PASSI LI JMISS

30. Il-Kunsill jirriaferma l-importanza tal-qafas b'erba' pilastri (solidarjetà, produzzjoni, kummerċ, u multilateraliżmu). Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex ikompli l-aġġornamenti u r-rappurtar regolari dwar ir-riżorsi mobilizzati skont ir-rispons ta' Tim Ewropa għall-insigurtà globali tal-ikel inkluż inizjattivi ewlenin konkreti, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa għal data diżaggregata affidabbli, f'waqtha u preċiża.
31. Il-Kunsill huwa impenjat li jżomm l-isforzi tiegħu favur is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni fil-qafas tal-Aġenda 2030 u ser isaħħaħ il-ħidma biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin interkonnessi tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni permezz ta' strateġiji komprensivi għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem, l-istabbiltà ekonomika, ir-reżiljenza għall-klima u l-prevenzjoni tal-konflitti, permezz tal-allinjament tal-attivitajiet fi ħdan ir-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju, l-Iżvilupp u l-Paċi.
32. Biex irawwem il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali fuq il-post bl-għan li jinkiseb impatt massimu għal sigurtà tal-ikel reżiljenti fit-tul, il-Kunsill jappella lill-membri ta' Tim Ewropa, biex jallinjaw l-interventi u l-investimenti rispettivi tagħhom lejn eżiti kollettivi. Il-Kunsill jappella wkoll lill-membri ta' Tim Ewropa biex jinvolvu ruħhom f'azzjoni antiċipatorja, strateġiji għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, kemm jista' jkun permezz ta' finanzjament prevedibbli, pluriennali u flessibbli li jippermetti żieda rapida fir-rispons għal ħtiġijiet urġenti u jiżgura kontinwità operazzjonali fi kriżijiet traskurati.
33. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jingħata kontribut attiv għat-trasformazzjoni tas-sistemi agrikoli u tal-ikel billi jiġu promossi Prattiki ta' konsum, produzzjoni u kummerċ sostenibbli, jitnaqqsu t-telf u l-ħela tal-ikel, inkluż, fejn applikabbli, permezz ta' involviment sinifikanti tal-agrikoltura organika u l-prattiki agroekoloġiċi, kif ukoll billi tingħata spinta lill-produzzjoni agrikola domestika li hija pożittiva għan-natura, intelliġenti fl-użu tal-ilma u diversifikata fil-pajjiżi sħab.
34. Il-Kunsill jappella għal appoġġ imsaħħaħ għas-sistemi tal-ikel lokali, il-bdiewa b'azjenda tal-familja u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, u l-agroMSMEs, li huma atturi ewlenin fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni fit-tul tal-komunitajiet inkluż permezz ta' sforzi biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi. Dan l-appoġġ għandu javvanza għajxien ekwu, u hekk jippromwovi l-aċċess għal sistemi ta' protezzjoni soċjali universali u jiffaċilita l-finanzjament u l-aċċess għas-suq. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li jiffaċċaw in-nisa u ż-żgħażaġh.

35. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-istrateġija Global Gateway fit-tisħiħ ta' ktajjen tal-valur agroalimentari u akkwatiċi reżiljenti u sostenibbli. Dan jinkludi inizjattivi ta' investiment fil-ħames oqsma ewlenin ta' sħubija tal-Istrateġija Global Gateway, b'attenzjoni speċjali għall-investimenti fl-infrastrutturi tat-trasport u tal-ħżin, l-educazzjoni u r-riċerka, u ktajjen tal-valur effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li ma jagħmlux ħsara lill-klima. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar diskussjoni u koordinazzjoni ta' Tim Ewropa dwar l-interazzjoni bejn l-Istrateġija Global Gateway u s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali.
36. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol ċentrali tax-xjenza u l-innovazzjoni fit-trasformazzjoni tas-sistemi tal-ikel u l-kisba ta' dinja ħielsa mill-ġuħ u l-forom kollha ta' malnutrizzjoni. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol importanti tar-riċerka internazzjonali u l-istituzzjonijiet xjentifiċi, bħas-CGIAR, il-Kunsill jappella għal disseminazzjoni u adożzjoni usa' tal-prodotti ta' għarfien u l-innovazzjoni.
37. Filwaqt li jinnota l-importanza tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-2015-2025 dwar in-Nutrizzjoni, u l-allinjament mal-miri globali dwar in-nutrizzjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa u l-SDGs, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tikkoordina l-approċċi dwar in-nutrizzjoni mal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tas-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabir (N4G), u biex tikkunsidra Pjan ta' Azzjoni rivedut bħala parti minn impenn tal-N4G.
38. Il-Kunsill jirriafferma l-appoġġ sod tiegħu għall-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn. Il-Kunsill jappella għal aktar appoġġ għall-esportazzjonijiet tal-ikel tal-Ukrajna, l-irkupru ekonomiku u l-operazzjonijiet ta' tneħħija tal-mini tagħha u biex is-sitwazzjoni umanitarja tal-Ukrajna tibqa' tingħata prijetà fl-aġenda.
39. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella għat-tisħiħ tar-rispons ta' Tim Ewropa għall-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni b'attenzjoni partikolari għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill ifakkar fil-Linji Gwida Volontarji tas-CFS dwar id-Dritt għal Ikel Adegwat b'kont meħud tal-għodod umanitarji, tal-iżvilupp, makroekonomiċi, tas-suq, tal-kummerċ, ta' politika, tal-analiżi tal-ġeneru, u dawk politiċi għal impatt massimu. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni mas-sħab internazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għandhom jiġu esplorati għodod innovattivi ma' istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp u aġenziji bilaterali.

40. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-isforzi ta' interferenza u destabbilizzazzjoni minn barranin, li jimminaw l-isforzi tal-indirizzar tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni.
41. Il-Kunsill ser jibqa' politikament impenjat, kif kien fil-COP 29, għall-impenji ta' livell għoli li ġejjin, inkluż is-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabir, il-Forum Umanitarju Ewropew li jmiss u s-Summit UE-Afrika.
-